MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 20/2003/1

**Lanouar Bounab f'ismu proprju u in rappresentanza ta' ibnu minuri Yousef Bounab**

**vs**

**Avukat Generali u Karen Bounab.**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan hu appell kostituzzjonali minn decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, maghtija fl-4 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha cahdet it-talbiet tar-rikorrent li kien qed jitlob rimedju ghall-ksur minnu allegat tal-Artikoli 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Il-fatti, bazikament, huma s-segwenti: bejn ir-rkorrent Lanouar Bounab, li hu mill-Algerija, u martu Karen nee Dalli hemm bhalissa ghaddejja kawza ta' separazzjoni. Lanouar u Karen ghandhom tifel, Yousef, li twieled fl-10 ta' April, 1997. Skond digrieti tas-Sekond Awla tal-Qorti Civli, il-kura u l-kustodja ta' dan Yousef kienet giet fdata f'idejn ommu, izda missieru kellu dritt ta' access kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis bejn is-2.00 pm u s-6.00 pm, u mill-Gimgha fis-2.00 pm sas-Sibt ta' wara fis-6.00 pm. Fil-bidu ta' Awissu, 2002 u precisament fit-3 ta' Awissu, Lanouar Bounab wara li, bhas-soltu, kien ha lil ibnu ghall-finijiet tal-access, naqas li jirritornah lura lil ommu, u sad-9 ta' Awissu omm il-minuri ma kientx taf x'sar mit-tifel ghax la t-tifel u anqas missieru ma setghu jinstabu. Effettivament irrizulta li Lanouar Bounab kien hareg minn Malta bit-tifel, u dan minkejja li kien hemm fis-sehh mandat ta' inibizzjoni sabiex l-imsemmi minuri ma jinharigx minn Malta. Wara diversi gimghat fl-Algerija mat-tifel, Lanouar Bounab baghat lit-tifel wahdu Malta bl-ajru. In segwitu Lanouar Bounab gie Malta (jew, skond ma tallega l-intimata martu fin-nota ta' sottomissjonijiet tat-8 ta' Ottubru, 2003 – fol. 79 sa 88 – ingieb Malta wara li kien arrestat fil-Kanada fuq senjalazzjoni tal-Pulizija ta' Malta). Meta rega' gie hawn Malta, Lanouar talab lill-Prim Awla (li kienet qed tisma' l-kawza tas-separazzjoni) sabiex jigi awtorizzat jara lit-tifel, izda din it-talba giet ripetutament michuda lilu minn dik il-Qorti.

3. Fis-sentenza taghha li minnha qed isir dan l-appell, l-ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel laqghet zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimata Karen Bounab, u, in segwitu, irrespingiet anke t-talbiet tar-rikorrent. Iz-zewg eccezzjonijiet preliminari kienu fis-sens (1) illi r-rikorrent ma' setax jipprocedi f'isem it-tifel ukoll, peress li kienet hi li kellha l-kura u l-kustodja ta' Yousef, u

(2) li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri kostituzzjonali. Dwar il-meritu, l-ewwel Qorti irrespingiet il-lanjanza dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 6(1) ghas-segwenti raguni:

"Il-fatt illi d-deċiżjoni ma kinitx kif riedha r-rikorrent ma jfissirx illi ma kellux smigħ xieraq. Ma hux kompitu ta' din il-qorti li tara jekk, fil-meritu, id-deċiżjoni kinitx waħda tajba; il-kompitu tagħha huwa biss li tara illi tħarsu l-garanziji tas-smigħ xieraq. Billi ma nġiebet ebda prova illi lir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq, din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur ta' dak id-dritt".

Kwantu ghall-ilment ta' ksur ta' l-Artikolu 8, dik il-Qorti qalet hekk:

"Billi hija tal-fehma li l-indħil fil-ħajja tal-familja tar-rikorrent biċ-ċaħda tad-dritt ta' aċċess kien skond il-liġi u meħtieġ f'soċjetà demokratika għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tifel minuri, din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur ta' l-art. 8 tal-Konvenzjoni"

Ghall-kompletezza qed tigi riprodotta s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-intier taghha:

"Dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma dwar il-jedd għal smigħ xieraq, imħares taħt l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni], u l-jedd għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, imħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, magħmula parti mil-liġi tagħna bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319].

***Ir-rikors***

Ir-rikors tas-26 ta' Ġunju 2003, li bih inbdew dawn il-proċeduri, igħid illi r-rikorrent Lanouar Bounab huwa Alġerin, miżżewweġ lill-intimata Karen Bounab, u għandhom tifel li jismu Yousef Bounab. Wara nuqqas ta' qbil fil-ħajja miżżewġa, il-kura u l-kustodja ta' Yousef

ingħataw lill-intimata filwaqt illi r-rikorrent kellu jedd ta' aċċess.

Xi żmien ilu r-rikorrent iddeċieda li jsiefer lil ibnu Yousef lejn l-Alġerija sabiex jiltaqa' għall-ewwel darba mal-qraba tiegħu, u dan għamlu mingħajr il-kunsens ta' martu. Wara xi żmien ir-rikorrent ġie lura Malta flimkien mat-tifel, u radd it-tifel lill-intimata. Dan kien tmien xhur qabel ma nfetħu dawn il-proċeduri tallum bir-rikors.

Minħabba f'dan l-inċident, ir-rikorrent ma tħalliex jara aktar lil ibnu; meta ippreżenta r-rikors kien ilu ma jarah tmien xhur.

Ippreżenta kemm-il rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li, iżda,dejjem ċaħditlu t-talba.

L-art. 8 tal-Konvenzjoni jħares ir-relazzjoni speċjali bejn missier u ibnu għax dan jidħol fil-kunċett ta' "familja":

Whatever else the word "family" may mean, it must at any rate include the relationship that arises from a lawful and genuine marriage … … …[1]

L-istess art. 8 jħares il-jedd tiegħu u ta' ibnu għar-rispett lejn il-ħajja tal-familja. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġil-Qorti Ewropeaħ qalet illi l-kunċett ta' familja ma jridx bilfors illi l-missier u l-iben ikunu joqogħdu taħt l-istess saqaf; fissret illi hija:

… … … does not see cohabitation as a *sine qua non* of family life between parents and minor children. … … … It follows from this concept of family on which Article 8 is based that a child born of such a union is *ipso iure* part of that relationship: hence, from the moment of the child's birth and by the very fact of it, there exists between him and his parents a bond amounting to "family life", even if the parents are not then living together … … …

[1] **Abdulaziz, Cabales and Balkandah *versus* U.K.** (1985).

… … … Mr. Berrehab saw his daughter four times a week … … …; the frequency and regularity of his meetings with her prove that he valued them very greatly. It cannot therefore be maintained that the ties of "family life" between them had been broken.[2]

Ma kienx ir-rikorrent li għażel li ma jarax lil ibnu; kien impost fuqu kemm minn martu, li ma tridx tħallih, u aktar mill-qorti, li qiegħda tiċħad it-talbiet tiegħu biex ikun jista' jara lil ibnu.

Ir-rikors ikompli jgħid illi r-rikorrent għandu wkoll jedd għas-"salvagwardji proċedurali", jew "*the right to a court*" fid-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligi ċivili tiegħu:

Thus, Article 6 para. 1 affords a procedural safeguard, namely the "right to a court" in the determination of one's "civil rights and obligations" (see the Golder v. the United Kingdom judgment of 21 February 1975, Series A no. 18, p. 18, para. 36); whereas not only does the procedural requirement inherent in Article 8 (art. 8) cover administrative procedures as well as judicial proceedings, but it is ancillary to the wider purpose of ensuring proper respect for, *inter alia*, family life … … … The difference between the purpose pursued by the respective safeguards afforded by Articles 6 para. 1 and 8 may, in the light of the particular circumstances, justify the examination of the same set of facts under both Articles.[3]

Li ma tħallix lill-ġenituri, jew ukoll lil xi wieħed minnhom, aċċess għall-ulied huwa ksur ta' l-art. 8 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, ikompli jgħid ir-rikors, meta din il-qorti ma ħallietx li r-rikorrent ikollu aċċess għal ibnu minuri kisret il-jeddijiet tiegħu bħala missier, u wkoll il-jeddijiet ta' l-istess minuri, imħarsa taħt l-artt. 6(1) u 8 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent għalhekk qiegħed jitlob illi din il-qorti tagħtih ir-rimedji kollha meħtieġa sabiex jitħarsu d-drittijiet fondamentali tiegħu u ta' ibnu, u tagħtihom ukoll kumpens xieraq. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

---

2 **Berrehab *versus* Netherlands** (1988).

3 **McMichael *versus* UK** (1995).

### *It-tweġiba ta' l-Avukat Ġenerali*

Fil-21 ta' Lulju 2003 wieġeb l-Avukat Ġenerali. Qal illi l-fatt illi r-rikorrent kien imċaħħad minn aċċess għal ibnu ma hux ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, għax matul il-proċeduri ġudizzjarji r-rikorrent kellu kull opportunità li jressaq il-lanjanzi tiegħu. Trid tqis ukoll illi r-rikorrent kien, b'mod illeċitu u mingħajr il-kunsens ta' l-omm, neħħa lil ibnu mill-post fejn kien joqgħod, bi ksur tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti Ċivili fis-Sekwestru Internazzjonali ta' Minuri, li Malta irratifikat bis-saħħa ta' l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri [Kap. 410].

Għalkemm il-Qorti Ewropea qalet illi fil-kunċett ta' familja jidħlu wkoll ċirkostanzi fejn il-ġenituri ma jkunux joqogħdu flimkien, dan ma jfissirx illi r-rikorrent għandu dritt ta' aċċess għal ibnu minuri, u ebda wieħed mill-każijiet imsemmija minnu ma huwa dwar aċċess wara li jkun sar sekwestru.

Ir-rikorrent ingħata smigħ xieraq quddiem qorti, u l-fatt illi din il-qorti ċaħditlu d-dritt għall-aċċess ma jfissirx li ma kienx hemm smigħ xieraq, u lanqas ma jfisser illi kien hemm indħil fid-dritt tiegħu għall-familja, għax fejn hemm konflitt bejn id-drittijiet tal-ġenitur u l-interessi tal-minuri, dawn ta' l-aħħar għandhom jingħataw importanza kbira. Barra minn hekk, id-dritt għall-familja mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni huwa kwalifikat għax l-awtorità pubblika tista' f'xi ċirkostanzi tindaħal f'dan id-dritt.

### *It-tweġiba ta' l-intimata Karen Bounab*

L-intimata Karen Bounab ukoll wieġbet fit-23 ta' Lulju 2003.

Qalet qabel xejn illi r-rikors li bih inbdew dawn il-proċeduri ma jiswiex għax, ladarba l-kura u l-kustodja tal-minuri huma fdati f'idejha, ir-rikorrent ma setax jagħmel ir-rikors f'isem ibnu wkoll.

Barra minn hekk, hija ma hijiex kontradittur leġittimu f'dawn il-proċeduri għax hi qatt ma ċaħħdet lir-rikorrent milli jkollu aċċess għal ibnu, u kull deċiżjoni dwar l-aċċess dejjem ingħatat minn qorti kompetenti fl-aħjar interess tal-minuri. Fissret ukoll għala, fil-meritu, jidhrilha li ma kien hemm ebda ksur ta' drittijiet fondamentali: il-kura u l-kustodja tal-minuri kienu fdati f'idejha; kisbet ukoll il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni biex ir-rikorrent ma jitħalliex jieħu lit-tifel barra minn Malta, billi kienet beżgħet illi sejjer jaħrab minn Malta flimkien mat-tifel; minkejja dan ir-rikorrent mhux biss ma qagħadx għall-modalitajiet ta' l-aċċess dekretati mis-Sekond'Awla ta' din il-qorti iżda wkoll f'Awwisu 2002 ħarab minn Malta bil-minuri u żammu miegħu fl-Alġerija għal xahrejn, bla ma qies il-ħtiġijiet tal-minuri, li huwa djabetiku; f'Ottubru 2002 ir-rikorrent bagħat lil ibnu, li dak iż-żmien kellu biss ħames snin, lura Malta waħdu, u mhux ġie lura flimkien miegħu, kif igħid ir-rikors; ir-rikorent kien inqabad mill-pulizija fil-Kanada u ntbagħat Malta fejn inbdew proċeduri kriminali kontrieh.

Dan kollu għamel ħsara lit-tifel, li għadu sallum jibża' li missieru xi darba jerġa' jieħdu 'l bogħod minn Malta u minn ommu. Kien għalhekk illi l-qorti, fl-aħjar interess tal-minuri, dejjem ċaħdet it-talba tar-rikorrent li jingħata aċċess għal ibnu.

Kompliet tfisser illi għalkemm l-art. 8 tal-Konvenzjoni jħares id-dritt ta' kull individwu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu, f'każijiet li jolqtu tfal minuri dejjem jitqies l-aħjar interess ta' dawn:

… … … where … … … there was a serious conflict between the interests of the child and those of one of the parents which could only be resolved to the disadvantage of one of them, the interests of the child must prevail under Article 8 of the Convention.[4]

L-art. 8 tal-Konvenzjoni mkien ma jsemmi d-dritt ta' ġenitur li jkollu aċċess għal ibnu; ukoll jekk dan id-dritt jitnissel mid-dritt ta' rispett għall-ħajja tal-familja, ma

---

4 **Hoppe *versus* Germany** (2002).

jfissirx illi huwa assolut u ma jista' jiġi qatt miċħud jew sospiż:

The family courts can determine the scope of the right of access and prescribe more specific rules for its exercise … … … The family courts can, however, restrict or suspend that right if such a measure is necessary for the child's welfare.[5]

It-tieni paragrafu ta' l-art. 8 igħid illi jista' jkun hemm indħil mill-awtorità pubblika jekk dan ikun skond il-liġi u jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika.

Dwar id-dritt għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, l-intimata fissret illi r-rikorrent kien ippreżenta kemm-il rikors quddiem il-qorti u ngħata opportunità li jġib quddiem il-qorti t-talbiet tiegħu u l-fatti li jsaħħu dawn it-talbiet;  ingħata "*the right to a court*" li talab fir-rikors.

***Il-fatti tal-każ***

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

Ir-rikorrent Lanouar Bounab, li huwa alġerin, huwa miżżewweġ lill-intimata Karen, li hija maltija.  Għandhom tifel minorenni, Yousef.  Wara li kellhom nuqqas ta' qbil fil-ħajja miżżewġa, infetħu proċeduri fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili u, b'digriet tat-22 ta' Mejju 2000, dik il-qorti fdat il-kura u l-kustodja tat-tifel lill-intimata, ordnat illi r-rikorrent ikollu aċċess għat-tifel tliet darbiet fil-ġimgħa, u iffissat il-ħinijiet u l-modalitajiet ta' dak l-aċċess.  Dan id-dikriet inbidel b'ieħor tas-27 t'April 2003 fis-sens illi t-tifel kellu jqatta' wkoll lejl mal-missier.

Fl-10 ta' Settembru 1999 l-intimata kienet ukoll kisbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni biex twaqqaf lir-rikorrent milli jieħu lit-tifel barra minn Malta.  Dan il-mandat, iżda, ma ġiex notifikat lir-rikorrent.

---

5 **Hoffmann *versus* Germany** (2001).

Minkejja dan il-mandat, ir-rikorrent f'Awissu ta' l-2002 ħa lit-tifel miegħu l-Alġerija, mingħajr ma għarraf lill-intimata jew kiseb il-kunsens tagħha. Xahrejn wara, f'Ottubru ta' l-2002, bagħat lit-tifel lura Malta waħdu.

Minħabba f'dan l-episodju r-rikorrent kien miżmum milli jkollu aċċess għat-tifel. Kemm-il darba b'rikors talab illi jerġa' jkollu aċċess, iżda t-talbiet tiegħu kienu dejjem miċħuda. Billi deherlu illi din iċ-ċaħda hija bi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-art. 6(1) u l-art. 8 tal-Konvenzjoni, fetaħ dawn il-proċeduri tallum biex ifittex rimedju.

***L-eċċezzjonijiet preliminari***

Qabel nidħlu fil-meritu tal-każ, irridu nqisu żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimat Karen Bounab:

a. illi r-rikorrent ma setax fetaħ dawn il-proċeduri f'isem it-tifel ukoll; u
b. illi l-intimata ma hix kontradittur leġittimu f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

***Dwar jekk ir-rikorrent setax jiftaħ dawn il-proċeduri f'isem it-tifel***

Din il-kawża nfetħet mir-rikorrent Lanouar Bounab "f'ismu proprju u in rappreżentanza ta' ibnu minuri Yousef Bounab". L-intimata qiegħda tgħid illi ma setax għamel ir-rikors f'isem it-tifel għax ma għandux is-setgħa li jidher għalih billi la għandu l-kura u l-kustodja tat-tifel u lanqas aċċess għalih.

L-art. 4(1) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ġKap. 319ħ jgħid hekk:

**4.** (1) Kull persuna li tallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha, jew kull persuna

oħra li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'Malta tista' taħtar ad istanza ta' xi persuna li hekk tallega, tista', bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju.

Għalkemm il-liġi taħseb għall-każ fejn persuna tidher għal oħra fi proċeduri taħt din il-liġi, il-ħatra ta' persuna biex tidher għal oħra ssir mill-qorti u mhux, bħal ma għamel ir-rikorrent, billi persuna taħtar lilha nfisha. Għalhekk sewwa tgħid l-intimata illi r-rikorrent ma kellux is-setgħa li jiftaħ dawn il-proċeduri f'isem it-tifel ukoll.

Dan ma jfissirx illi r-rikors ma jiswiex, iżda jiswa biss safejn ir-rikorrent qiegħed imexxi f'ismu, u mhux ukoll safejn qiegħed imexxi f'isem it-tifel.

***Dwar jekk l-intimata hijiex kontradittriċi leġittima***

Eċċezzjoni oħra ta' l-intimata tgħid illi ma hix kontradittriċi leġittima.

F'din l-eċċezzjoni wkoll l-intimata għandha raġun. F'dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed igħid illi l-istat naqas milli jħares, permezz tas-sistema legali u ġudizzjarju, il-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt il-Konvenzjoni. Għal dan in-nuqqas iwieġeb l-istat, mhux ċittadini privati, għax li kieku n-nuqqas kien ta' ċittadin privat ir-rimedju kien jintalab taħt il-liġi ordinarja u mhux taħt il-liġijiet li jħarsu d-drittijiet fondamentali.

Huwa minnu illi l-intimata għandha interess f'dawn il-proċeduri; dan ma jfissirx illi kellha tkun imħarrka hi wkoll. Kien ikun biżżejjed li kieku kienet notifikata bil-proċeduri biex, jekk jidhrilha, titlob li titħalla tidħol fil-kawża mhux bħala parti iżda *in statu et terminis*.

Il-qorti għalhekk teħles lill-intimata Karen Bounab mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tal-talbiet tar-rikorrent.

### *Dwar id-dritt għal smigħ xieraq*

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ħarsien tad-dritt għal smigħ xieraq taħt l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni:

**ARTIKOLU 6**

(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.

Ir-rikorrent ressaq it-talba tiegħu għall-aċċess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dik il-qorti, wara li qieset it-talba tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li tressqu quddiemha, ċaħdet it-talba. Ma nġiebet ebda prova li dik il-qorti kienet nieqsa minn indipendenza jew minn imparzjalità, jew illi ċaħħdet lir-rikorrent mill-opportunità li jressaq quddiemha x-xhieda u l-argumenti biex isaħħaħ it-talba tiegħu.

Il-fatt illi d-deċiżjoni ma kinitx kif riedha r-rikorrent ma jfissirx illi ma kellux smigħ xieraq. Ma hux kompitu ta' din il-qorti li tara jekk, fil-meritu, id-deċiżjoni kinitx waħda tajba; il-kompitu tagħha huwa biss li tara illi tħarsu l-garanziji tas-smigħ xieraq. Billi ma nġiebet ebda prova illi lir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq, din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur ta' dak id-dritt.

### *Dwar id-dritt għal rispett tal-ħajja tal-familja*

Ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll ħarsien tad-dritt għal rispett tal-ħajja tal-familja tiegħu taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni:

**ARTIKOLU 8**

(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku

tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Ma hux kontestat illi bejn ir-rikorrent u t-tifel minuri hemm relazzjoni ta' bejn missier u iben, u illi l-effett tad-dikrieti li ċaħdu d-dritt ta' aċċess huma ndħil f'din ir-relazzjoni.

Madankollu, mhux kull indħil bħal dan huwa bi ksur ta' l-art. 8; ma hemmx ksur jekk l-indħil ikun:

1. skond il-liġi; u
2. meħtieġ f'soċjetà demokratika:

a. fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, jew sigurtà pubblika
jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż; jew
b. biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti; jew
c. għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali; jew
d. għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Ma hux kontestat ukoll illi l-qorti għandha s-setgħa taħt il-liġi, partikolarment l-art. 47 tal-Kodiċi Ċivili, li tagħti dawk l-ordnijiet dwar min jieħu ħsieb it-tfal kif jidrilha xieraq, u meta tagħmel hekk tqis l-aktar l-interess tat-tfal. Jekk huwa meħtieġ, fl-interess tat-tfal, li wieħed mill-ġenituri ma jingħatax aċċess, f'dak il-każ l-interess tal-ġenitur ikollu jċedi quddiem l-interess tat-tfal. L-art. 8 jippermetti li jsir dan l-indħil, "għall-protezzjoni tad-drittijiet" tat-tfal, kif osservat il-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Hoppe kontra l-Ġermanja**[6]:

**b. Legitimate aim**

1. The Court is satisfied that the contested measures were aimed at protecting the "health or morals" and the "rights and freedoms" of the applicant's daughter and thus pursued legitimate aims within the meaning of paragraph 2 of Article 8.

---

6 Kaz nru 28422/95.

### c. “Necessary in a democratic society”

2. In determining whether the impugned measure was “necessary in a democratic society”, the Court has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify this measure were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 of the Convention. Undoubtedly, consideration of what lies in the best interest of the child is of crucial importance in every case of this kind. Moreover, it must be borne in mind that the national authorities have the benefit of direct contact with all the persons concerned. It follows that the Court's task is not to substitute itself for the domestic authorities in the exercise of their responsibilities regarding custody and access issues, but rather to review, in the light of the Convention, the decisions taken by those authorities in the exercise of their margin of appreciation (see *Hokkanen v. Finland*, judgment of 23 September 1994, Series A no. 299-A, p. 20, § 55; and *Elsholz v. Germany* … … …, § 48).

3. The Court further recalls that a fair balance must be struck between the interests of the child and those of the parent and that, in striking such a balance, particular importance must be attached to the best interests of the child which, depending on their nature and seriousness, may override those of the parent (see *Elzholz v. Germany* … … …, § 50; and *T.P. and K.M. v. the United Kingdom*, no. 28945/95, § 71, ECHR-...).

Ir-rikorrent jargumenta li ma hemmx raġunijiet tajba għala jkun imċaħħad mid-dritt ta’ aċċess. Din il-qorti iżda ġà osservat illi ma hix qorti ta’ appell mid-deċiżjoni tal-Prim’Awla li ċaħdet l-aċċess: ir-rikorrent kellu l-opportunità li jressaq l-argumenti u x-xhieda tiegħu quddiem il-qorti li f’idejha kien fdat il-kompitu li tagħmel l-apprezzament tal-konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt biex tasal għall-konklużjoni tagħha, u ma hux kompitu ta’ din il-qorti li tara jekk, fil-meritu, kinitx tasal għall-istess konklużjoni; din il-qorti għandha tara biss jekk tħarsux id-dispożizzjonijiet tal-liġi li jħarsu d-drittijiet fondamentali.

Billi hija tal-fehma li l-indħil fil-ħajja tal-familja tar-rikorrent biċ-ċaħda tad-dritt ta’ aċċess kien skond il-liġi u meħtieġ f’soċjetà demokratika għall-protezzjoni tad-drittijiet tat-tifel minuri, din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur ta’ l-art. 8 tal-Konvenzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi, wara li teħles lil Karen Bounab mill-ħarsien tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tar-rikorrent u tikkundannah iħallas l-ispejjeż ġudizzjarji.”

**<u>L-aggravji ta’ l-appellant u l-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

4. Lanouar Bounab appella minn din is-sentenza permezz ta’ rikors datat 12 ta’ Novembru, 2003. Huwa ghandu tlett aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

5. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimata martu u tiddikjara li huwa seta’ jippromwuovi l-kawza biss f’ismu u mhux ukoll f’isem ibnu Yousef. Huwa jsostni li f’materja ta’ natura kostituzzjonali, a differenza ta’ proceduri civili “ordinarji”, ma kienx mehtieg li huwa jinhatar kuratur *ad litem*. L-appellant, pero`, m’ghandux ragun, izda dan mhux ghar-raguni moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, u cioe` biss minhabba dak li jiddisponi l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 [7]. Ghalkemm l-Artikolu 135 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-genituri jidhru ghal uliedhom, imwielda jew le, fl-atti kollha tal-hajja civili, u ghalkemm is-“setgha tal-genituri” hi moghtija bil-ligi – Artikoli 131 u 132 tal-Kodici Civili – liz-zewg genituri flimkien, l-Artikolu 781(a) tal-Kap. 12 jipprovdi li:

**M’humiex kapaci biex joqghodu f’kawza bhala atturi jew bhala konvenuti…il-minuri, hlief fil-persuna tal-genitur <u>li jkun qed jezercita</u> s-setgha tal-missier, jew,**

[7] Artikolu li hu prattikament identiku ghall-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni.

**fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur…** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-mument meta Lanouar Bounab intavola r-rikors promotur tieghu – cioe` fis-26 ta' Gunju, 2003 – il-genitur li fir-realta`u fil-prattika kienet qed tezercita "is-setgha tal-missier" fir-rigward tal-minuri Yousef ma kienx il-missier Lanouar izda l-omm Karen. Infatti jirrizulta, kemm mill-atti ta' din il-kawza kif ukoll mill-atti tal-kawza ta' separazzjoni -- li din il-Qorti ordnat li jigu temporaneament allegati ma' l-atti ta' din il-kawza [8] -- li fil-pendenza tal-kawza ta' separazzjoni il-kura u l-kustodja tal-minuri kienet giet fdata (mis-Sekond Awla) f'idejn l-omm, u l-missier kellu biss dritt ta' access fir-rigward ta' l-imsemmi minuri. Minbarra dan, wara li l-missier gheb minn Malta bit-tifel, l-omm (Karen) ippresentat rikors fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni fejn talbet, *inter alia*, li jitnehha l-access tal-missier ghat-tifel u "…illi l-istess Lanouar Bounab m'ghandux ikollu taht l-ebda cirkostanzi access ghall-minuri Yosef Bounab".
Dik il-Qorti, b'digriet taghha tad-9 ta' Awissu, 2002, laqghet, ghalkemm provvisorjament, din it-talba. Il-posizzjoni fattwali kienet ghadha hekk meta gie intavolat ir-rikors promotur ta' din il-kawza kostituzzjonali. Ghalhekk, ghalkemm *stricto jure* Lanouar Bounab ma kienx tilef is-setgha tal-genitur ghal xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 150 u/jew 154 tal-Kodici Civili, fir-realta` u fil-prattika hu ma kienx, anke jekk ghall-mument temporaneament, qed jezercita s-setgha tal-missier; din kienet qed tigi ezercitata esklussivament mill-omm, u kienet ghalhekk l-omm li kienet il-genitur li qed tezercita s-setgha tal-missier ghall-finijiet ta' l-Artikolu 781(a) imsemmi. Dan ma jfissirx li Lanouar Bounab ma setax jippromwovi kawza, anke wahda ta' natura kostituzzjonali, f'isem ibnu kontra martu u/jew kontra haddiehor jekk hu deherlu li xi dritt fondamentali ta' l-istess ibnu kien gie, jew kien qed jigi, jew x'aktarx kien ser jigi miksur. Pero` biex jaghmel hekk huwa kellu jinhatar specifikatament skond l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 319 in kwantu l-kawza giet diretta

[8] Ara l-verbal tas-16 ta' Dicembru, 2003.

kontra l-Avukat Generali u skond l-Artikolu 782(b)[9] tal-Kap. 12 in kwantu l-kawza kienet diretta kontra l-istess genitur – l-omm f’dan il-kaz – li kienet hi li qed tezercita s-setgha tal-missier skond l-Artikolu 781(a) ga msemmi. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

6. It-tieni aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti zbaljat meta lliberat lil Karen Bounab mill-osservanza tal-gudizzju. L-appellant jirritjeni li l-presenza ta’ martu u omm it-tifel komuni taghhom kienet mehtiega ghall-integrita` tal-gudizzju. Din il-Qorti ma taqbilx. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, huwa l-Istat li fil-kaz *de quo* ghandu jwiegeb ghall-allegati ksur ta’ drittijiet fondamentali. L-ilmenti ta’ l-appellant, allura rikorrent, kienu diretti kontra provvediment jew provvedimenti moghtija minn organu ta’ l-Istat – anke jekk fuq talba ta’ persuna privata – cioe` l-provvedimenti li permezz taghhom huwa gie mcahhad milli jkollu access ghal ibnu, u ghalhekk huwa l-Istat li, jekk verament kien hemm xi lezjoni ta’ dritt fondamentali, ghandu jwiegeb. Dana l-aggravju qieghed ghalhekk jigi respint.

## <u>Ir-rikorsi u d-digrieti</u>

7. Biex wiehed jifhem ahjar il-kumplament ta’ din is-sentenza, tajjeb li tigi spjegata s-sekwenza ta’ rikorsi li wasslu biex l-appellant jitnehhielu kull access ghal ibnu. Kif diga nghad, ftit wara li l-appellant u ibnu ghebu minn Malta, l-omm ippresentat rikors quddiem il-Prim Awla (li kienet qed tisma’ l-kawza ta’ separazzjoni) u talbet, *inter alia*, li jitnehha l-access ta’ zewgha ghall-minuri u li zewgha ma jkollu “…taht l-ebda cirkostanzi access ghall-minuri Yosef Bounab” (rikors presentat fit-8 ta’ Awissu, 2002). B’digriet tad-<u>9 ta’ Awissu, 2003</u> dik il-Qorti laqghet “provvisorjament” l-ewwel talba u rriservat li tipprovdi dwar it-talbiet l-ohra fi stadju ulterjuri. Fit-13 ta’ Awissu, 2002, Karen Bounab, li kienet ghadha ma tafx x’sar minn binha, ippresentat rikors iehor fejn talbet lil dik il-Qorti sabiex

[9] L-Artikolu 782(b) tal-Kap. 12 jipprovdi hekk: “Id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 781 ma ghandhomx japplikaw ghal – xi minuri f’kawzi kontra l-imsemmi genitur [li jkun qed jezercita s-setgha tal-missier], basta li dak il-minuri jkollu kuratur *ad litem*”.

tordna fost ohrajn lill-avukati ta' zewgha li jaghtu informazzoni lill-Qorti dwar l-intenzjonijiet li seta' kellu l-istess zewgha. B'digriet ta' dik il-gurnata stess il-Prim Awla cahdet din it-talba.

8. Wara li Lanouar Bounab irritorna (jew ingieb) Malta huwa ppresenta rikors, fil-21 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu talab li jigi varjat id-digriet tad-9 ta' Awissu, 2002 fis-sens li huwa jinghata access adegwat ghal ibnu. Minghajr ma dan ir-rikors gie notifkat lill-kontroparti (Karen Bounab), il-Prim Awla cahdet it-talba b'digriet moghti l-ghada, 22 ta' Novembru, 2002 li semplicement jghid: *"Il-Qorti, Rat ir-rikors tal-21 ta' Novembru, 2002. Tichad it-talba."* Fis-16 ta' Jannar, 2003 Lanour Bounab ippresenta rikors iehor. Wara li fisser li hu kien ilu mill-11 ta' Ottubru, 2002 ma jara lil ibnu, u li minhabba dak li kien ghamel u minhabba l-kwistjonijiet li hemm bejnu u bejn martu, la ibnu ma kellu jiccahhad milli jara lilu u lanqas hu ma kellu jigi mcahhad milli jara lil ibnu, huwa rega' talab li jinghata access ghal ibnu jekk hemm bzonn taht sorveljanza anke f'xi ghassa tal-pulizija. Il-Qorti (Prim Awla, li kienet qed tisma' l-kawza tas-separazzoni) ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghal risposta. Fis-7 ta' Frar, 2003 tat is-segwenti digriet: *"Il-Qorti, Rat ir-rikors tas-16 ta' Jannar, 2003. Rat li ma saritx risposta. Tichad it-talba."*

9. Fit-22 ta' April, 2003 Lanouar Bounab rega' ppresenta rikors iehor. Wara li fisser li issa kien ilu seba' xhur ma jara lil ibnu, li hu kien iddispjacih ta' dak li kien ghamel u li xtaq hafna jara lil ibnu, u li huwa kien lest jarah anke gewwa ghassa tal-pulizija jekk il-Qorti hekk tordna, Bounab talab lil dik il-Qorti li tippermettili jara lil ibnu. Il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti bi zmien jumejn ghal risposta. Fir-risposta taghha tad-9 ta' Mejju, 2003, Karen Bounab opponiet ghat-talba. Hija fissret li zewgha kien tnehhilu d-dritt ta' access minhabba li kien abbuza minnu u qabad u hareg lit-tifel minn Malta u hadu l-Algerija u zammu hemm kwazi xahrejn shah. Hija qalet li kien hemm il-possibilita` li jerga' jaghmel l-istess. Kwantu ghal access taht supervizjoni, hija xorta opponiet ghal din il-modalita` peress li, skond hi, il-minuri ma kienx lest li jiffacca lil

missieru u li anke access taht supervizjoni seta' jkollu effett trawmatiku fuq it-tifel:

**“Illi jekk ir-rikorrenti jinghata access ghal ibnu Yosef dan jista' jerga' jkollu effett trawmatiku fuq l-istess minuri, kif fil-fatt kellu, b'dan illi ghaldaqstant tali access ikun ta' periklu ghall-istess minuri li ghadu jibza' minn missieru u mill-possibilita` li dan jerga' jahrab bih u jiehdu l-boghod minn ommu u minn Malta…**

**“Illi l-minuri ghad ghandu biss sitt snin b'dan illi naturalment l-esperjenza li kellu jghaddi minnha kienet wahda ferm difficli u ghaldaqstant l-esponenti, li ghandha ghal qalba l-ahjar interess tal-minuri, thoss illi binha ghandu jigi salvagwardjat bl-ahjar mod possibbli…**

**“Illi effettivament il-minuri Yosef ghadu mhux preparat illi jiltaqa' ma' missieru, b'dan illi anke jekk l-imsemmi access isir b'supervizjoni dan xorta wahda ser jikkaguna disturb emozzjonali lill-minuri Yosef.”**

In segwitu ghal din ir-risposta, il-Prim Awla pprovdiet hekk dwar ir-rikors: “*Il-Qorti, Rat ir-rikors tat-22 ta' April 2003. Rat ir-risposta. Tichad it-talba*.”

Wara dan id-digriet infethet il-kawza kostituzzjonali fis-26 ta' Gunju, 2003.

10. L-ilment ta' l-appellant, <u>kif migjub fir-rikors ta' appell tieghu</u>, fir-rigward tal-Artkolu 6 hu, bazikament, illi peress li l-Prim Awla qed “tippenalizzah” minhabba l-“episodju” ta' meta hareg minn Malta bit-tifel u baqa' ghal xahrejn bih gewwa l-Algerija, allura hemm ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Frankament dana l-aggravju ma jaghmilx sens. Effettivament quddiem l-ewwel Qorti u fir-rikors promotur tal-kawza, l-appellant anqas semma din il-kwistjoni li qed jigi penalizzat; fir-rikors promotur hu semplicement allega li kellu “dritt ghas-salvagwardji procedurali, cioe` *the right to a court* fid-determinazzoni tad-drittijiet u obbligi civli tieghu”. Issa, penalizzazzjoni jew

le, din il-Qorti assolutament ma tistax tifhem kif dak li gara quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (li qed tisma' l-kawza ta' separazzjoni) fir-rigward tad-diversi talbiet ta' l-appellant li gew michuda jista' b'xi mod jammonta ghal cahda ta' *"the right to a court* fid-determinazzoni tad-drittijiet u obbligi civili" ta' l-appellant. L-appellant ezercita d-dritt li jmur quddem qorti (permezz tar-rikors), instema' fis-sens li l-Qorti rat it-talba tieghu migjuba bil-miktub (u anke semghet, f'okkazjoni minnhom, lill-kontroparti ukoll bil-miktub) u ddecidiet li ma kellhiex takkorda dik it-talba. La fir-rikors promotur u anqas fir-rikors ta' appell l-appellant ma qieghed jissenjala xi aspett procedurali partikolari li ma giex osservat u li jirrendi s-smigh wiehed "mhux xieraq" (bhal, per ezempju, li nstemghet parti wahda biss; jew li talab li jressaq xi provi u l-Qorti, minghajr raguni tajba, cahditlu dik it-talba; jew li ma nghatax l-opportunita` li jressaq il-kaz tieghu kif xtaq; jew li ma kellux access ghall-atti jew ghal assistenza legali bhall-parti l-ohra; jew li d-digrieti ma kienux motivati jew sufficjentement motivati b'mod li gie mcahhad minn dritt ta' appell). Il-Qorti pjuttost tara li l-allegazzjoni ta' ksur ta' l-Artikolu 6 intefghet bl-addocc mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti, u issa qed jipprova jara kif igibha zewg quddiem din il-Qorti (il-Qorti Kostituzzjonali) blli jilmenta li proceduri quddem il-Prim Awla ma kienux intizi biex dak li jkun jigi "penalizzat" minhabba xi haga li jkun ghamel ghax tali "penalizzazzjoni" ghandha, se mai, issegwi wara proceduri ta' indoli penali. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata -- u din il-Qorti tkkondividi pjenament il-fehma hemm espressa –

"Ir-rikorrent ressaq it-talba tiegħu għall-aċċess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dik il-qorti, wara li qieset it-talba tiegħu fid-dawl taċ-ċirkostanzi li tressqu quddiemha, ċaħdet it-talba. Ma nġiebet ebda prova li dik il-qorti kienet nieqsa minn indipendenza jew minn imparzjalità, jew illi ċaħħdet lir-rikorrent mill-opportunità li jressaq quddiemha x-xhieda u l-argumenti biex isaħħaħ it-talba tiegħu.

Il-fatt illi d-deċiżjoni ma kinitx kif riedha r-rikorrent ma jfissirx illi ma kellux smigħ xieraq. Ma hux kompitu ta' din il-qorti li tara jekk, fil-meritu, id-deċiżjoni kinitx waħda

tajba; il-kompitu tagħha huwa biss li tara illi tħarsu l-garanziji tas-smigħ xieraq. Billi ma nġiebet ebda prova illi lir-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq, din il-qorti ma ssib li kien hemm ebda ksur ta' dak id-dritt".

Ghalhekk l-aggravju fir-rigward ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni qed jigi respint.

11. Kwantu ghall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, l-appellant jirritjeni li d-decizjoni tal-Qorti (li qed tisma' l-kawza ta' separazzjoni u li allura cahditlu t-talba ghal access ghal ibnu), "ma kienitx gusta", "ma kienitx bilancjata" u "ma kienitx valutazzjoni proporzjonata". Issa, ma hemmx dubbju li l-appellant, l-intimata martu u t-tifel Yousef jikkostitwixxu "familja", ghalkemm familja li ghaddejja minn diffikultajiet matrimonjali. Ma hemmx dubbju wkoll li bejn l-appellant u ibnu kien hemm, u ghad hemm, rabta genwina fil-kwadru ta' din il-familja. Kif josservaw van Dijk u van Hoof:

**The mere existence of a family relationship is not sufficient for the applicability of Article 8; only in the case of a sufficiently close factual tie is there a question of family life. In fact, if the relationship does not imply genuine ties, an *interference* is not possible. Whether such genuine ties exist is determined, *inter alia*, by the nature of the family relationship invoked by the applicant; for married couples and children born out of that marriage, and for other close family relationships they are assumed unless their absence is evident or proven.** [10]

Ghalhekk, id-divjet impost mill-Qorti fis-sens li Lanouar Bounab ma jarax lil ibnu, certament jammonta ghal indhil fil-hajja tal-familja tieghu. Dak li jrid jigi ezaminat, pero`, hu jekk tali indhil hux gustifikat fit-termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 8 in dizamina. Ma hemmx dubbju li f'certi kazijiet, fejn ikun hemm konflitt ta' interess bejn id-drittijiet tal-genituri u l-interessi tat-tfal, l-interessi ta' dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu. Izda biex awtorita` pubblika,

[10] Van Dijk, P. and van Hoof G. J. H. ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** Kluwer Law International (The Hague), 1998, pp. 506-507.

bhalma hi Qorti, tasal biex taqta' jew tipprojbixxi kull kuntatt bejn missier u ibnu irid ikun hemm altru milli ragunijiet validissimi. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li jkun hemm xi ragunijiet li jiggustifikaw l-indil ta' l-Istat, jew ta' organu ta' l-Istat, fil-hajja tal-familja ta' dak li jkun; hu mehtieg li l-mizura ta' indhil tkun proporzjonata ghan-necessita` li jigu tutelati l-interessi tal-minuri. Fi kliem Alastair Mowbray:

**The greater the restrictions placed upon the legal rights of natural parents *vis a vis* their children by public authorities, the more the Court will require of the State in terms of justification.** [11]

Fil-kaz in dizamina, il-Prim Awla li qed tisma' l-kawza ta' separazzjoni mhux semplicement irregolat l-access – kif kienet ghamlet qabel ma l-appellant kien qabad u ha lit-tifel l-Algerija – izda ipprojbit ghal kollox tali access. Kemm mir-risposta ta' Karen Bounab tad-9 ta' Mejju, 2003 (aktar 'l fuq imsemmija) kif ukoll mid-deposizzjoni taghha quddiem il-Prim Awla f'din il-kawza (cioe` fil-kawza kostituzzjonali) (fol. 62 sa 76) hu evidenti li tnejn setghu kienu l-preokkupazzjonijiet tal-Qorti meta ghamlet id-divjet. Wahda hi l-possibilita` li Lanouar Bounab jerga' jipprova jiehu t-tifel barra minn Malta, u l-ohra li kuntatt ma' missieru jista' jkun ta' hsara psikologika ghall-istess minuri. Bid-dovut rigward kemm lejn il-Qorti li ordnat id-divjet ta' kuntatt bejn l-appellant u ibnu kif ukoll lejn l-ewwel Qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata, din il-Qorti ma tistax taqbel li kien hemm "relevant and sufficient reasons" li jiggustifikaw divjet totali ta' access. Kwantu ghal-biza' li l-appellant jerga' jiehu t-tifel barra minn Malta din il-Qorti tifhem li hemm diversi modi kif dan jista' jigi evitat bhal, per ezempju, billi jkun hemm access taht supervizjoni stretta u bil-modalitajiet kif tista' tordna l-Prim Awla. Ghal dak li jirrigwarda t-trawma psikologika li talvolta jista' jsofri Yousef jekk ikollu jerga' jiltaqa' ma missieru, kullma hemm hi l-allegazzjoni ta' l-omm f'dan ir-rigward. L-intimat Avukat Generali – li fuqu kien jinkombi l-oneru li jipprova li l-interferenza mad-dritt tal-familja ta' l-

[11] ***Cases and Materials on the European Convention on Human Rights*** Butterworths (Lonbdon), 2001, p. 378.

appellant kienet verament gustifikata sa l-estrem tal-projbizzjoni totali ta' kull kuntatt bejn il-missier u t-tifel – ma gab ebda prova ohra f'dan ir-rigward. L-Istat, ghalhekk, ma ppruvax sodisfacentement li tali projbizzjoni totali kienet gustifikata f'dan il-kaz. Konsegwentement din il-Qorti ser tiddikjara li bil-projbizzjoni totali ta' access ta' Lanouar Bounab ghal ibnu Yousef, ordnata mill-Qorti li qed tisma' l-kawza ta' separazzjoni bejn Lanouar Bounab u martu Karen Bounab, sehh ksur ta' l-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

12. Pero` din il-Qorti ma hix tal-fehma li ghandha tipprovdi aktar minn semplici dikjarazzjoni f'dan is-sens. Hija l-Qorti li qed tisma' l-kawza ta' separazzjoni li tinsab fl-ahjar posizzjoni li, fid-dawl ta' din is-sentenza, tivvaluta c-cirkostanzi kollha u tara b'mod partikolari jekk verament hemmx il-perikolu ta' trawma psikologika ghall-minuri jekk dana jerga' jiltaqa' ma' missieru u, wara li jsir dan l-accertament, tipprovdi o meno dwar l-access tal-missier fir-rigward ta' ibnu, okkorrendo b'dawk il-modalitajiet li jimminimizzaw jew jinnewtralizzaw ghal kollox il-possibilita` ta' tali hsara psikologika.

## Decizjoni

13. Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjonijiet preliminari sollevati minn Karen Bounab, fejn illiberat lill-istess Karen Bounab mill-osservanza tal-gudizzju, u fejn irrespingiet it-talbiet tar-rikorrent in kwantu jirrigwardaw l-allegat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, thassarha u tirrevokaha fil-bqija u tiddikjara li bil-projbizzjoni totali ta' access tar-rikorrent Lanouar Bounab fil-konfront ta' ibnu Yousef ordnata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza ***Karen Bounab pro et noe v. Lanouar Bounab*** (Citaz. 578/02) gie lez id-dritt ta' l-imsemmi Lanouar Bounab kif protett bl-Artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u li tali dikjarazzjoni hi, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, rimedju sufficjenti ghall-allegat ksur. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan, pero`, li dawk ta' Karen

Bounab ghandhom jigu sopportati mill-appellant Lanouar Bounab.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------